L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Ottubru 2026

NR 213/2026 | L-Istatistika tal-Prezzijiet | Data tal-Ħruġ: **23/11/2026**

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin


- F'Ottubru 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-RPI kienet ta' 2.4 fil-mija, tnaqqis mit-2.9 fil-mija ta' Settembru 2026.
- Ir-rata medja ta' tnax-il xahar għal Ottubru 2026 kienet ta' 2.6 fil-mija.
- L-akbar kontribut għaż-żieda fir-rata tal-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Ikel (+0.56 punti perċentwali).


Il-Kummentarju

F'Ottubru 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-RPI kienet ta' 2.4 fil-mija, tnaqqis mit-2.9 fil-mija ta' Settembru 2026.

It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni

L-oġħla rati ta' inflazzjoni annwali f'Ottubru 2026 dehru fl-Akkomodazzjoni (6.7 fil-mija) u fix-Xorb u t-tabakk (3.3 fil-mija). Minnaħa l-oħra, l-aktar rati baxxi ta' inflazzjoni annwali kienu fl-Ilma, l-elettriku, l-gass u l-fjuwils (0.0 fil-mija) u fil-Ħwejjeġ u ż-żraben (0.6 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 4).






Noti:

L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

L-Indiċi tal-Ikel (+0.56 punti perċentwali), l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni (+0.53 punti perċentwali), u l-Indiċi tar-Rikreazzjoni u kultura (+0.29 punti perċentwali) ikkontribwixxew l-aktar għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali. Din kienet ġejja l-aktar minn prezzijiet oġħla tat-take-aways, tas-servizzi tal-manutenzjoni tad-dar, u ta' swali tat-tiġijiet, rispettivament.

Ma kinux irreġistrati kontribuzzjonijiet li naqqsu l-inflazzjoni annwali fil-lista ta' indiċijiet aggregati fix-xahar ta' Ottubru (Ċart nru 3, Tabella nru 5).



Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
3. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 5.

L-aggregati

F'Ottubru 2026, l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni kellu l-oġħla rata annwali ta' inflazzjoni b'6.7 fil-mija, li minnha l-Kera rreġistrat rata annwali ta' 3.4 fil-mija, il-Materjal għall-manutenzjoni tad-dar irreġistra rata annwali ta' 6.9 fil-mija, u s-Servizzi tal-manutenzjoni tad-dar irreġistraw rata annwali ta' 7.5 fil-mija.

L-Indiċi tal-Ilma, l-elettriku, l-gass u l-fjuwils kellu l-aktar rata baxxa ta' inflazzjoni annwali b'0.0 fil-mija, ladarba l-prezzijiet tas-sottokomponenti kollha baqgħu ma nbidlux (Tabelli nri 1 u 3).

Din l-istqarrija tiffoka fuq ċifri fil-livell ta' gruppi biss.

L-Istatistika tal-Prezzijiet

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ottubru 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Settembru 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Settembru 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Awwissu 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Awwissu 2026

Temi Oħra Relatati

Il-Proprjetà

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

prices.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula